MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2008

Numru. 30/2008

**Kumpilazzjoni Nru. 30/2008**

**Illum, 31 ta' Lulju 2007**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud u Frank Anthony Tabone)**

**vs**
**Jethro Camilleri, ta' 19-il sena, bin l' Michael u Josephine nee' Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex nhar is-16 ta' April, 1989, residenti fil-fond numru 73, Sqaq Bieb il-Ghajn Fontana, Ghawdex,**
**detentur tal-karta ta' l-identita' numru 19089(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Jethro Camilleri li gie akkuzat talli nhar l-01 ta' Mejju, 2008, gewwa Triq l-

Ewropa, Rabat, Ghawdex, minn gewwa karozza bin-numru tar-registrazzjoni DBN213 ghal habta tas-sebgha nieqes ghoxrin (18:40hrs) ta' filghaxija;

a) Seraq Sony PSP ghad-detriment ta' Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bil-valur, u xorta ta' haga misruqa;
b) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq Sony MP4 Player ghad-detriment Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bil-valur, u xorta ta' haga misruqa;
c) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq Sony Portable Speakers ghad-detriment Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bix-xorta ta' haga misruqa;
d) U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq Portable Computer Hard-disk ghad-detriment Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bix-xorta ta' haga misruqa;
e) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq €100.00 ghad-detriment Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bix-xorta ta' haga misruqa;
f) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq Sony Pen Drive, ghad-detriment Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;
g) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq basket ta' lewn ahdar, ghad-detriment Ruben James Buttigieg, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;
h) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi seraq Cheque HSBC bin-numru 44-971, b'valur ta' €800.00 miktuba fuqu, ghad-detriment Ruben James Buttigieg liema serq huwa aggravat bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

U fl-ahhar nett talli f'Settembru, 2006, gewwa Triq ta' l-Ghajn, Fontana;

i) Seraq Lm70.00 fi flus ghad-detriment ta' persuna mhux marufa liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruqa;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali tal-5 ta’ Gunju 2008;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat liema ammissjoni giet riaffermata wara illi l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess;

Rat ir-rapport ipprezentat mill-Probation Officer Ivan Sultana;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni maghmula mill-imputat u fid-dawl tal-provi prodotti l-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, izda fuq kollox ir-rapport imhejji mill-Probation Officer Ivan Sultana minn fejn jirrizulta illi minhabba t-trobbija difficli li kellu l-imputat ghandu bzonn gwida serja f’hajtu sabiex jirriforma ruhu u jeghleb il-problemi li qed jiffaccja;

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261 (c) (g), 267, 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 18 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Probation u ta’ Servizz fil-Komunita’ u dana ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, fejn l-element tax-xoghol ma ghandux ikun iktar minn erbghin (40) siegha u dana taht dawk id-direttivi li jaghtieh l-Ufficjal tal-Probation;

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' tlett (3) snin jew jekk huwa jikser l-Ordni ta' Probation u l-Ordni tas-Servizz fil-Komunita' imposti fuqu jew jekk huwa ma jobdix xi direttivi moghtija lilu mill-Ufficjal tal-Probation;

Il-Qorti tordna illi kopja tas-sentenza tintbghat lid-Direttur tal-Probation skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------